SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 32/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/09/'14 — 315**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/09/'14 — 370**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13 — 19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (0)

1.05 Assenti (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Settembru 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament 'Ix-Xelter ta' Lapsi'
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 31/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 31/K7/14.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 02/KA2/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' ).

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 4104 | Talba mingħand il-Boho Hostel sabiex jitpoġġew tabelli f'San Ġiljan. |
| 4308 & 4995 | Talba sabiex jibda jintuża l-Ġnien Ross għal attivitajiet kulturali. |
| 4327 | Email mingħand il-Perit Lucien Stafrace dwar l-ammont pendenti b'konnessjoni mal-Ġnien Saver Zarb. |

4346 & 4426 Korrispondenza mingħand il-Kunsillier Alex Grech u l-Kunsillier Richard Scicluna rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa t'Awwissu 2014.

4403 Korrispondenza mir-Reġjun Ċentru dwar tqassim tal-fondi tal-LES.

4414 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari 08/2014 – maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

4513 Talba mingħand is-Sur Philip Attard sabiex jitpoġġa kiosk fi Triq Santu Wistin.

4543 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 24/2014 – Applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambent u l-Ippjanar (il-MEPA).

4603 Email mingħand il-Kunsilliera Irene Borg b'talba għal aktar *hand railings.*

4735 Email mingħand is-Sinjura Dolly Seychell dwar servizzi offruti mill-We Care.

4775 Email mingħand il-Perit Raymond Farrugia dwar xogħolijiet fil-Pjazza Spinola u 'l madwar.

4953 Korrispondenza mas-Sur Noel Castillo, Leon Promotions b'konnesjoni ma' l-iStreamer tal-Festa ta' Lapsi.

5005, 5122 & K1130 Korrispondenza dwar ir-riżenja tas-Sur Carlo D'Amico.

5050 Email mingħand l-Green MT dwar l-ġbir ta' skart separat f'San Ġiljan.

5066,5130 Korrispondenza dwar il-*Bye-Laws*

5069 Ittra mingħand CBC plc b'konnessjoni ma' l-iżvilupp ta' Villa Fieres u l-madwar.

5070 & 3690 Korrispondenza b'konnessjoni mas-Sur Joseph Schembri

5071 Email mingħand Krav Maga Ltd dwar ix-xogħolijiet fil-Ġnien Dun Anton Sciberras.

4837 Nota medika dwar allegat inċident.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 4104**

2.02 B'riferenza għat-talba ta' Boho Hostel sabiex jitpoġġew tabelli zgħar li juru d-direzzjoni għall-Hostel ġie deċiż unanimament li jinħareġ l-permess.

2.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillieri Anthony Grech u Richard Scicluna waslu fis-2.10p.m.

**Rif. Nru. 4308 & 4995**

2.04 Saret riferenza għat-talba sabiex jibda jintuża Ġnien Ross għal attiviatjiet kulturali. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-Avukat Dr. Hugh Peralta u s-Sur Fabio Creatini nhar il-Ġimgħa 3 t' Ottubru 2014 fl-10.00a.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-proposta tagħhom. Għal din il-laqgha ser jattendu s-Sindku Peter Bonello, l-Viċi Sindku Charles Camenzuli, l-Kunsillier Alex Grech u l-Kunsilliera Irene Borg. Wara din il-laqgħa s-Sur Creatini għandu jibgħat il-proposti li jkunu ġew diskussi sabiex jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Rif. Nru. 4327**

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Lucien Stafrace b'konessjoni ma' l-ammont pendenti ta' €205.98 li hu dovut lill-Kunsill, (irreferi għall-inv. No. 267/13) għal xogħolijiet ta' manutenzjoni fil-Ġnien Saver Zarb (rif. tal-ftehim mal-MEPA - Inc. 1372/13).

2.06 Peress li l-MEPA ser tibqa' timxi bis-sistema li l-'professional fees' m'għandhomx jithallsu mill-fondi tal-UIF u minħabba li l-MP&DC kienu konxji ta' din il-kundizzjoni, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jħallasx lill-MP&DC għall-'professional fees'.

**Rif Nru. 4346 & 4426**

2.07 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Kunsillier Alex Grech u l-Kunsillier Richard Scicluna rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa t'Awwissu 2014. Ġie deċiż unanimament li dawn jiġu skużati għal-laqgħa t'Awwissu 2014.

**Rif Nru. 4513**

2.08 B'riferenza għat-talba mingħand is-Sur Philip Attard sabiex titpoġġa posta ta' l-ikel u xorb fi Triq Santu Wistin, ħdejn l-Eden Arena, ġie deċiż unanimament li Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess skont il-Leġiżlatura Sussidjarja 441.04 dment li jkollu l-permessi kollha meħtieġa nkluż tal-Pulizija u s-Sanita', u li l-area fejn tintrama l-posta titħalla nadifa wara l-attivita'.

2.09 F'każ li l-Kunsill jivverifika li l-post ma nżammx nadif, ma jibqax jinħareġ il-permess.

**Rif. Nru. 4603**

2.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li sar 'on site meeting' bejn l-MP&DC u l-Kunsilliera Irene Borg biex jiġu identifikati l-postijiet fejn jistgħu jsiru railings f'Ta' Ġiorni u li l-MP&DC għandu jibgħat stima.

**Rif Nru. 4735**

2.11 B'riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Dolly Seychell dwar servizzi offruti mill-We Care, ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja ta' din il-korrispondenza lill-Għaqda Nisa Ġiljaniżi is-Sinjura Catherine Calleja, Marija, Triq Birkirkara, San Ġiljan.

**Rif Nru. 4953**

2.12 B'riferenza għall-korrispondenza mas-Sur Noel Castillo, Leon Promotions rigward l-iStreamer tal-Festa ta' Lapsi, ġie deċiż unanimament li l-Leon Promotions jsirlu l-pagament, filwaqt li waqt komunikat li sar bejn is-Sindku u s-Sur Phillippe Gatt waqt il-laqgħa, s-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Phillippe Gatt ser jirritorna *streamer* ġdid lill-Kunsill.

**Rif Nru. 5005, 5122& K1130**

2.13 Saret riferenza għar-rizenja ta' l-iskrivan Carlo D'Amico u għat-talba li għamel biex ma titħallasx il-multa tan-notice filwaqt li nġibdet l-attenzjoni li:-

a) ġie nfurmat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex ikunu jistgħu jinbdew il-proċeduri meħtieġa sabiex tiġi mpjegata persuna oħra.

b) Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand id-Direttur għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali u d-Dipartiment għall-

Gvern Lokali dwar kemm suppost għandu jigi mħallas ġimgħat ta' xogħol lura lill-Kunsill. Dan peress li l-fondi tal-Kunsill huma fondi pubbliċi.

2.14 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li:-

a) Is-Sur Carlo D' Amico m'għandux iħallas l-multa tan-notice peress li hu ma setax jagħti n-notice qabel ma ġie aċċettat mill-Universita'.

b) Jiġu nfurmati d-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Direttur għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali għall-gwida tagħhom.

**Rif Nru. 5050**

2.15 B'riferenza għall-email mingħand l-Green MT b'konnessjoni mal-ġbir ta' skart separat f'San Ġiljan, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill mhux ser jidħol fil-kwistjoni bejn il-Kuntrattur u l-Green MT fuq il-ħlas dovut lill-kuntrattur mill-Green MT. Iżda l-Kunsill jibqa' jesiġi li għandu jkun l-istess kuntrattur li juża l-Kunsill.

**Rif Nru. 5066, 5130 & 5181**

2.16 Inġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza b'konnessjoni mal-Bye-Laws dwar Sewqan ta' Roti u Vetturi Mekkanizzati fuq Bankina f'San Ġiljan u il-Bye-Laws dwar Ġbir ta' Skart minn Fondi Kummerċjali.

2.17 **Rif. 5130:-** Fir-rigward il-Bye-Laws ta' l-2010 dwar Ġbir ta' Skart minn fondi Kummerċjali, l-Kunsill ġie nfurmat mill-*Legal Officer* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li f'dan l-istadju l-proposta ta' Skart minn Fondi Kummerċjali ma tistax tiġi pproċessata peress illi l-*policies* ikkonċernati qed jiġu diskussi fil-Ministeri rispettivi.

2.18 **Rif. 5181:-** il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Bye-Laws ta' l-2011 dwar Sewqan ta' Roti u Vetturi Mekkanizzati fuq Bankina f'San Ġiljan kif emendati.

2.19 Wara diskussjoni qasira, il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-Bye-Laws ta' l-2011 dwar Sewqan ta' Roti u Vetturi Mekkanizzati fuq Bankina f'San Ġiljan kif emendati.

2.20 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

2.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.22 Dawn il-Bye-Laws ser jintbagħtu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**Rif Nru. 5069**

2.23 B'riferenza għat-talba ta' CBC plc, ġie deċiż unanimament li:-

a) Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jingħalaq l-aċċess tat-taraġ li hemm fi Triq il-Kbira, ftit 'l-fuq mis-Saddles, li jagħti għal Triq Lapsi sakemm ikunu għaddejjin ix-xogħolijiet ta' żvilupp dment li jinħarġu l-permess kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti, għas-spejjez ta' CBC plc.

b) CBC plc jiġi nfurmat li għandhom jerġgħu jsiru t-toqob bil-għatu għal arbli tal-festa.

c) Dwar it-tmenin (80) siġra li huma parti mill-permess, ġie deċiż unanimament li jintalab parir mill-Environmental Landscaping Consortium għat-tip ta' siġar li jistgħu jintużaw mad-dawra tal-promenade u kemm hemm bżonn. F'kaz li ma juntużawx is-siġar kollha għad-dawra tal-bahar, il-kumplament juntużaw in-naħa tal-Balluta u fi Triq il-Baltiku wara 'l *bring in-site.*

**Rif Nru. 5070 & 3690**

2.24 R**if. 3690:-** Reġgħet inġiebet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-email li bagħat PS 928 fejn staqsa jekk kienx tħallas l-ammont ta' €582.78 mingħand is-Sur Joseph Schembri u r-risposta li ntbagħatet lill-PS 928, wara l-laqgħa Minuti ref. 30/K7/14, fejn PS 928 ġie nfurmat li l-Kunsill qatt ma rċieva l-ħlas ta' €582.78 mingħand is-Schembri u biex tittieħed kull azzjoni neċesarja skont il-liġi.

2.25 **Fir-rigward il-korrispondenza bir-Rif. 5070:-** Il-Kunsill ġie nfurmat li dawn iż-żewġ ittri ġew għall- attenzjoni tagħhom minħabba l-fatt li s-Sinjuri Schembri talbu kjarifika dwarhom. Dan minħabba li l-pulizija PS 928 bagħat għalihom biex iħallsu l-ammont ta' €582.78. Is-Sur Schembri qal li wara ftit li kien irċieva l-ittri xi ħadd b'telefonata anonima kien qallu li kienet ċajta.

2.26 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż unanimament li PS928 jiġi nfurmat li:-

a) B'riferenza għall-email tiegħu (Inc. Ref. 3690/14) u għar-risposta li bagħat il-Kunsill (Korr. Ref. K0987/011/14) wara li l-Kunsill irriveda din il-materja, il-Kunsill jinfurmah li jekk it-talba li għamel (PS928) kienet b'konnessjoni ma' l-ittri li rċieva s-Sur Schembri (Inc. ref. 5070/14) allura l-Kunsill jiddikjara li s-Sur Schembri m'għandux iħallas l-ammont ta' €582.78 lill-Kunsill.

b) B'riferenza għall-korrispondenza Rif. 5070/14 li ġiet ippreżentata lill-Kunsill mis-Sinjuri Schembri għall-kjarifika, l-Kunsill jinfurmak li l-persuni li ffirmaw id-dokument fuq *letter head* tal-Kunsill, li huma s-Sur Keith Sansone u s-Sur Carl Camilleri, la qatt kienu impjegati tal-Kunsill u lanqas membri tal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill jitlob li tittieħed kull azzjoni neċessarja filwaqt li l-Kunsill qatt ma talab li s-Sur Schembri biex iħallas dik is-somma.

**Rif Nru.5071**

2.27 Saret riferenza għat-talbiet li saru mis-Sur Keith Galea, għan-nom ta' Krav Maga Ltd, b'konnessjoni ma' Ġnien Dun Anton Sciberras.

2.28 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill qed jistenna risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u għalhekk il-Kunsill ma jistax jikkommetti ruhu.

2.29 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipprovdi kopja tal-pjanti approvati, *on completion of works,* lis-Sur Keith Galea. Dan sabiex ikun jista' japplika għall-permessi meħtieġa.

2.30 Waqt diskussjoni b'konnessjoni mal-Kumpless Dun Anton Sciberras – Ta' Ġiorni, ġie deċiż unanimament li tintbagħat talba lill-Onor. Ministru Dott. Emanuel Mallia, Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali fejn issir referenza għal-laqgħa mal-Kunsilliera Irene Borg u jintalab li min-naha tal-Ministeru:-

a) Jsiru xogħolijiet ta' manutenzjoni tal-ħadid li hemm imdawwar ma' l-area kollha'

b) Jsiru żewġ *flood ligts*.

c) Issir manutenzjoni ġenerali mal-bandli fejn hemm bżonn ta' *refurbishment* u fejn hemm imkisser.

d) Fl-eventwalita' illi t-tiswijiiet u l-iżvilupp neċessarju jseħħ, il-Kunsill japprezza jekk l-istess Ministru jkun jista joffri s-servizz

ta' *watchman*. Dan sabiex ix-xogħol li ser isir ma jerġax jiġi vandalizzat.

2.31 Ma' l-ittra li ser tintbagħat lill-Onor. Ministru Dott. Mallia, tintbagħat kopja ta' l-ittra li ntbagħtet lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali Rif. Nru. K0985/proj.fl & 157/14 – CCF.

2.32 **Rif Nru. 4837**

Saret riferenza għan-nota medika fir-rigward allegat inċident li seħħ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-klijent jitħallas l-ammont ta' € 153.01 għal spejjeż li għamel peress li l-Kunsill jidhirlu li t-talba li saret kienet ġenwina.

2.33 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li din ma kienetx il-procedura li s'issa ġew trattati xi tip ta' *claims.* Għalhekk peress li din id-deċiżjoni tista' toħoq preċedent ser tintalab il-gwida tad-Dipartiment għall-ġvern Lokali.

## 3. Aġġornament 'Ix-Xelter ta' Lapsi'

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-inawgurazzjoni ta' ftuħ uffiċċjali ta' **'Ix-Xelter ta' Lapsi'** kien ta' suċċess. Il-pubbliku wera interess kbir u qed isiru talbiet biex ikun hemm ħinijiet tal-ftuħ tax-Xelter għal żjarat pubbliċi.

3.02 Ġie deċiż unanimament li min ikun interessat li jżur ix-Xelter ta' Lapsi jinforma lill-Kunsill minn qabel biex ikunu jistgħu jsiru l-arranġamenti.

3.03 Waqt din id-diskussjoni ġie deċiż unanimament li tinfetaħ bokkatura oħra fix-Xelter sabiex ikun hemm aċċess għall-ħruġ u d-dħul.

3.04 Il-Kunsill ġie ppreżentat bi spejjez b'konnessjoni mal-ftuħ ta' ix-Xelter ta' Lapsi. (Ara Appendiċi 'B'). Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li l-iScotts Supermarket ta donazzjoni ta' €600 biex jintużaw għal spejjez mal-ftuħ tax-Xelter.

3.05 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-permess ta' *encroachment* tax-Xelter fi Triq Lapsi – Permit No. 88/2014 (Ara inc. ref. 4715/14 – Appendiċi 'C').

3.06 Il-Kunsil ġie aġġornat ukoll li fuq parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ( Ara inc. ref. 4388/14 – Appendiċi 'D') ser tiġi ppreżentata l-applikazzjoni lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali

biex ix-Xelter ta' Lapsi jingħata b'devoluzzjoni minflok b'encroachment (Ara Appendiċi 'E').

3.07 Il-Kunsill approva unanimament l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tax-Xelter.

3.08 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fl-4.05p.m.

## 4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

4.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-kontijiet ta' Simler's (Ara Appendici 'G'), b'konnessjoni ma' l-attivitajiet matul il-festa tal-lokal, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn ġew € 233.65 aktar milli kien miftiehem skont il-Minuti 31/K7/14. Ġie deċiż unanimament li jsir l-pagament.

4.04 Il-Kunsillier Anthony Grech issekonda l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ma tressqux Purchase Request Sheets minħabba li għad hemm xogħolijiet pendenti.

5.02 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

5.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 6. Materji Oħra

6.01 Għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill ser jipprovdi l-injection ta' l-influwenza lir-residenti.

6.02 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li l-impjegati tal-Kunsill ilhom fl-impieg għal numru ta' snin u għandhom ir-rekwisiti skont il-Leġiżlatura Sussidjarja 363.20 biex jingħataw promozjoni (Ara dokumenti – Appendiċi 'H').

6.03 Wara diskussjoni l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet li Ms Connie Said tingħata promozzjoni għal Skala 11 notch 1, u Ms Marilyn Cassar, Ms Josianne Cutajar u Ms Cher Carmen Fenech jingħataw promozzjoni għal Skala 13 notch 3. Din il-promożjoni tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

6.04 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondaha.

6.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.06 Il-laqgha li jmiss ser issir nhar Il-Hamis 30 ta' Ottubru 2014 fis-2.00 p.m.

6.07 Il-laqgha ntemmet fl-4.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello**<br>**Sindku** | **Helen Walker**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |